Kunsill Lokali L-Imsida
Pjazza Menqa, Msida
tel:21334343
www.msidalocalcouncil.com

# MINUTI
# Laqgħa tal-Kunsill Lokali L-Imsida
# IT-TMIEN LEĠISLATURA
# Laqgħa Numru 18
# It-Tlieta 27 ta'Ottubru 2020

Il-Kunsilli Lokali l-Imsida ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz Pjazza Menqa, l-

## PREŻENTI:

Margaret Baldacchino Cefai :
Romina Galea : Viċi Sindku (Skuzata)
Jean Claude Borg : Kunsillier
Nicholas Joseph Chircop : Kunsillier
Charles Selvaggi : Kunsillier (Skuzat)
Alfred Farrugia : Kunsillier
Maurice Agius : Kunsillier
Judy Sciberras : Kunsillier (Skuzat)
Emanuel Brincat : Kunsillier

## ASSENTI B'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):

## ASSENTI

## UFFIĊJAL PREŻENTI:

Alan Vella : Segretarju Eżekuttiv

## Minuti

Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai ippresediet l-laqgħa.

**18.1 Qari tal-ittri ta' apoloġija;**

18.1.01 Is-Segretarju Eżekuttiv Alan Vella poġġa fuq il-mejda ittra ta' apoloġija tas-Sur Charles Selvaggi , Jude Sciberras u Romina Galea.

Il-Kunsilliera preżenti aċċettaw l-ittra ta'apoloġija

**18.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti;**

18.2.01 Il-Minuti ta'Seduta L8-17 ittieħdu bħala moqrija.
Il-minuti ġew approvati unanimament.

**18.3 Komunikazzjoni mis-Sindku;**

18.3.01 Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai poġġiet fuq il-mejda korrispondenza 834:C2020 u spjegat lil kunsilliera preżenti li l-Happy Parenting Malta flimkien mal-Kunsill Lokali se jorganizzaw diversi korsijiet b'xejn ghar-residenti u l-ghalliema se jithallsu 35euros kull sessjoni fil-binja tal-kunsill kull nhar ta' Sibt bejn Novembru u Diċembru.

18.3.02 Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai poġġiet fuq il-mejda korrispondenza 839:C2020 Project in schools celebrating our locality sports person fejn spjegat u talbet lil kunsilliera preżenti biex jinnominaw bejn tlieta sa ħames sportivi lokali biex ssir riċerka fuqhom mill-studenti.

18.3.03 Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai għarrfet lil kunsilliera preżenti li Direttur ta' Aġenzija li toffri servizzi ta'impjegati barranin avviċina lil Kunsill biex jara l-possibilità li dawk li huma fuq siegħat mnaqqsa u qed jibbenefikaw minn miżuri ta'għajnuna għall Covid 19 ikunu jistgħu jagħmlu xogħol manwali fil-kunsill.

18.3.04 Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai għarrfet lil kunsilliera preżenti li saret laqgħa ta'informazzjoni ma'kumpanija li tissupplixxi sistemi ta'solar roof gardens u hanging green walls. Għall din il-laqgħa kien hemm preżenti is-Segretarju Eżekuttivi u sur Alfred Farrugia li ta'spjega qasira fuq dawn is-sistemi li jipproponu pjanti addattati mal-abitat tal-madwar.

18.3.05 Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai tkellmet dwar skema għall għoti ta' siġar u pjanti mill-ministeru għat-Turiżmu filwaqt li s-Sur Alfred Farrugia għarraf lil kunsilliera preżenti li l-kunsill ġa ħa ħsieb japplika online.

18.3.06 Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai għarfet lil kunsilliera preżenti li għall World Animal day saret konferenza fejn spjegat li ġie ppreżentat filmat li siltiet minnu kienu jinkludu cat cafe's u dog park li saru matul din is-sena mill-fondi tal-annimal welfare. Hawn kompliet tispjega li filwaqt li s-sur Charles Selvaggi bħala l-kunsillier responsabbli ma'kienx dispost għall ġbid tal-filmat kien hemm preżenti wkoll is-Sur Alfred Farrugia u s-Segretarju Eżekuttiv.

18.3.07 Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai għarrfet lil kunsilliera preżenti li flimkien ma' Sur Jean Claude Borg ,Is-Sur Maurice Agius u rappreżentanti mill-għaqda għall-armar tal-festa Msida f'ħdan il-kumitat tal-monument għall San Guzepp, marru biex jaraw ix-xogħol fuq il-pedestall. Filwaqt li sur Jean Claude Borg wera t-tħassib tiegħu u spjega f'hiex wasal ix-xogħol sal-ġurnata.

**18.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri;**

18.4.01 B'referenza għall-minuti 17.3.03 dwar l-skema SPI/SCI/3/2020 ,Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai għarrfet lill kunsilliera preżenti li l-proġett Slow Streets (17.3.01) huwa aktar eliġibbli għalhekk il-kunsill se jipproponi biex dan jkun kunsidrat biex jikkwalifika għall fondi.

18.4.02 B'referenza għall-minuti 17.3.02 Is-Segretarju Eżekuttiv għarraf lill kunsilliera preżenti li saret laqgħa ma' l-MCEP fejn ġew diskussi il-pjanti għall- proġett ta tisbiħ u aċċess għall- pubbliku fiz-zona fejn qed ssir l-afforestazzjoni fejn il-perit intalab jipprovdi stima ta'xogħolijiet. Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai , l-kunsillier responsabbli mill-ġonna is-Sur Alfred Farrugia flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv kienu preżenti għal-laqgħa waqt li l-Perit u Sur Emanuel Brincat pparteċipaw online .

18.4.03 B'referenza għall-minuti 17.3.05 , dwar Triq Achille Ferris,Is-Segretarju Eżekuttiv għarraf lill-kunsilliera preżenti li l-kunsill bagħat email lil kumpanija ta'Periti nkarigati mis-sidien biex jinfurmaw lil kunsill fhiex waslu fuq ix-xogħol li rrid ssir privatament fit-triq.

18.4.04 B'referenza għall-minuti 17.3.06 dwar proċeduri ta' TM għal-applikazzjoni għall-installazzjoni ta' miżuri ta' protezzjoni got- toroq , Is-Sur Emanuel Brincat staqsa jekk kienx hemm żviluppi fuq dawk l-strutturi li ż-żarmaw.
Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai wieġbet li saret laqgħa ma' wieħed mill aġenti tar-reklami fejn ġie diskuss x'jista' ssir.
Is-Segretarju Eżekuttiv spjega li filwaqt li ħafna minn dawn l-strutturi jinsabu go toroq arterjali, ma' sab l-ebda korrispondenza jew document li juru li dawn huma awtorizzati minn T.M. Għalhekk se jsiru applikazzjonijiet ġodda biex dawn jiġu kunsidrati mill-awtorità.

18.4.05 B'referenza għall-minuti 17.4.01, Is-Segretarju Eżekuttiv għarraf lill kunsilliera preżenti li x-xogħol fuq il-proġett tad-drenaġġ go Triq Xatt ta'Xbiex reġa' beda filwaqt li saret laqgħa online ma'CEO , Periti u l-Inġinier tal-WSC. Ġew diskussi diversi problemi relatati u deċiż li l-WSC flimkien mal-kunsill żżomm lir-residenti nfurmati permezz ta' ittra uffiċjali biex tispjega l-problemi li hemm. Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai , Is-Sur Emanuel Brincat flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv ppartecipaw fil-laqgħa.

Is-Sur Maurice Agius staqsa jekk hemmx xi raġuni l-għala l-ewwel parti ta'trinka baqgħet miftuħa.
Is-Segretarju Eżekuttiv wieġeb li filwaqt li n-nota li din hija miftuħa u fonda aktar mill-livell tal-baħar iżda ma' jafx għall liema raġuni teknika din tħalliet miftuħa.

18.4.06 B'referenza għall-minuti 17.4.02 , dwar aġġornament ta' ċifri fuq ċitazzjonijiet li saru fuq skart, Is-Segretarju Eżekuttiv għarraf lil kunsilliera preżenti li l-Kunsill reġa' bagħat email lil LESA.

18.4.07 B'referenza għall-minuti 17.4.03 ,is-Segretarju Eżekuttiv għarraf lil kunsilliera preżenti li r-road humps go Triq L-Zamenhof huma lesti.

18.4.08 B'referenza għall-minuti 16.4.08, is-sur Maurice Agius qal li mar-road hump ta'Triq Johnny Catania k/m Triq it-Tabib R.Naudi il-karozzi xorta mhux qed inaqqsu mil-veloċità għax minħabba id-dawra dawn jgħaddu minn fuqha b'rota waħda biss.
Is-Segretarju Eżekuttiv ħa nota u wieġeb li se jiċċekkja jekk din tistax titwal ħa tkun eqreb lejn il-kurduna.

18.4.09 B'referenza għall-minuti 16.4.05 dwar xogħol fuq gradilja għall-ilma ta'xita go Triq il-Kunċizzjoni Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai staqsiet jekk waslux irċevuti minn għand l-applikant .

Is-Segretarju Eżekuttiv wieġeb l-applikant intalab biex jgħaddi lill kunsill ir-riċevuti iżda sal-ġurnata dawn kienu għadhom ma' waslux

18.4.10 B'referenza għall-minuti 17.5.01 dwar l-applikazzjoni ta'IM għall-proġetti relatati mal-fly over. Is-Segretarju Eżekuttiv għarraf lill kunsilliera preżenti li l-PA ġiet nfurmata li Is-Sur Emanuel Brincat bħala kunsillier responsabbli mis-settur se jkun ir-rappreżentat tal-kunsill fil-Bord.

18.4.11 B'referenza għall-minuti 17.5.02 Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai staqsiet f'hiex waslet is-sejħa għat-tender tal-ġonna.
is-Segretarju Eżekuttiv wieġeb li ħarġet it-tieni sejħa ta'tender tal-ġonna KLMsd/03/2020 fuq l-Epps u li se tagħlaq fi-ftit ġranet oħra fejn imbagħad dejjem jekk jkun hemm offerti jibda l-proċess tal-evalwazzjoni.

18.4.12 B'referenza għall-minuti 17-5-04 is-Segretarju Eżekuttiv għarraf lill-kunsilliera preżenti li l-apparat għall-arja kundizzjonata fil-Board room u l-uffiċju tas-Sindku ġew ordnati u għandhom jeħlu fil ġranet li ġejjin.

18.4.13 B'referenza għall-minuti 17-5-05 is-Segretarju Eżekuttiv għarraf lill-kunsilliera preżenti li x-xogħol ta'tiswija fuq il-gallariji u fejn qed jidħol l-ilma se jibda fil-ġranet li ġejjin.

18.4.14 B'referenza għall-minuti 17.5.07 is-Sur Nicholas Chircop staqsa jekk jistgħux jsiru l-stimi għall biex tiġi rranġata l-struttura tal-bandli tas-Swatar.

Is-Sur Alfred Farrugia staqsa jekk jistax ssir bandli go post ieħor wkoll.

Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai wieġbet li l-istimi se jintalbu għal strutturi ġodda fejn hemm bżonn anke gos-Swatar filwaqt li dak propost għal Triq Victor Denaro l-ewwel dan rrid jiġi rranġat u addattat għall dawn l-strutturi skond standards regolatorji.

Is-Segretarju Eżekuttiv għarraf lill-kunsilliera preżenti li ġa bdew ssiru kuntatti ma' kumpaniji biex jipprovdu informazzjoni dwar prodotti jew stimi għall xi proposti li jista' jkun hemm biex jitfassal pjan ta' xogħolijiet li jista' jkun hemm bżonn.

18.4.15 B'referenza għall-minuti 17-5-08 , Is-Segretarju Eżekuttiv għarraf lill-kunsilliera preżenti li saret laqgħa mal-perit biex jkun hemm idea ċara kemm il-bini l-ġdid tal-Kunsill jista' jiġi jiswa biex il-kunsill ikun jista' jfassal pjan tiegħu.

18.4.16 B'referenza għall-minuti 17.5.10 dwar il-kalendarju annwali tal-kunsill ,Is-Sur Maurice Agius staqsa liema huwa l-logħob tradizzjonali antik u tkellem fuq ix-xixxu.
Is-Sindku għarfet lill-kunsilliera preżenti li qed tfittex tfal biex jittieħdu ir-ritratti u l-instab ritratt tal-ġostra minħabba li bħal issa din ma' tkunx armata.

Is-Sur Emanuel Brincat qal li-mportanti li jkun hemm il-kunsens biex dawn jkunu ppublikati.

18.4.17 Is-Sur Maurice Agius tkellem dwar il-ħsarat fil-bankini ta'Triq il-Baċir u l-periklu li hemm fejn anke waqgħet persuna anzjan.
Is-sur Emanuel Brincat wieġeb li l-ħsarat ġew kawżati bil-maltemp ta'ftit ġimghat ilu fejn l-ilma għolla l-bankina. Hawn kompla jispjega li xogħol huwa konfermat li għandu ssir mill kuntrattur ta'l.M u li l-kunsill kiteb biex jgħarraf lill kap eżekuttiv dwar is-sitwazzjoni.

**18.5 Items oħra ta’ Xogħol, ieħor tal-Kunsill Lokali li jkunu meħtieġa;**

18.5.01 Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai tkellmet dwar il-pożizzjoni vakanti minħabba waħda mill-impjegati tal-kunsill li kienet ġiet sekondata ma'dipartiment tal-Gvern mill-2013.Hawn kompliet tispjega li l-persuna mpjegata flokha f' skala 15 back to back kienet applikat għall sejħa interna li ġiet approvata biex tieħu post mpjegat ieħor li ma'għadux mal-kunsill. Għalhekk minħabba il-volum ta'xogħol qed dejjem jiżdied qed tipproponi biex mill-ġdid ssir sejħa oħra biex jimtela l-post vakanti.

Is-Segretarju Eżekuttiv spjega li jekk l-kunsill japprova , jkun rrid jgħarraf lir-riżorsi umani fid-dipartiment għall-Gvern Lokali bid-deċiżjoni tal-Kunsill u jekk din tkun approvata l-kunsill jkun jista' l-ewwel joħroġ sejħa interna u mbagħad jekk jkun hemm bżonn joħroġ oħrajn skont proċeduri stabbiliti sakemm jinstab applikant li jissodisfa l-kriterji mitluba.

Il-kunsilliera preżenti ddiskutew u approvaw unanimament li toħroġ is-sejħa għall Clerk scala 15 Back to Back.

18.5.02 Is-Sur Maurice Agius tkellem dwar l-imġieba eżemplari u valida ta' ħaddiem mis-CWEF li preżentement huwa assenjat mal-kunsill u nkarigat bħala supervisor b'allowance li sservi ta'inċentiv. Hawn kompla jistaqsi il-kunsill jistax jikkunsidra biex dan il-ħaddiem jkun ngaġġat dirett mal-kunsill u x'hemm bżonn biex jikkwalifika.
Is-Segretarju Eżekuttiv wieġeb li se jieħu nota iżda ma' jistax jirrispondi għall dan qabel ma' jiċċekkja x'għandu bżonn biex japplika u jikkwalifika għall kunsiderazzjoni tal-kunsill.

18.5.03 Is-Sur Alfred Farrugia tkellem dwar reserved parking li għada f'Triq it-Torri meta din suppost spiċċat .
Is-Segretarju Eżekuttiv wieġeb li din ilu li saret Works order u se jieħu nota biex jivverifika

18.5.04 Is-Sur Alfred Farrugia tkellem dwar it-tabelli skeda skart u l-abbużi ta' wħud go triq L-Zamenhof fejn staqsa jekk tistax ssir tabella fuq il-parti l-oħra ta'Triq.

Is-Segretarju Eżekuttiv ħa'Nota.

18.5.05 Is-Sur Jean Claude Borg tkellem dwar attività kulturali fejn il-kunsill jintroduċi il-pagaent għat-tfal fil-Ġimgħa l-Kbira. Hawn kompla jispjega fid-dettal kif din tista’ tkun fil-kalendarju annwali b'tfal tal-skola jieħdu sehem b’sett vari tal-kunsill għall purċissjoni qasira.
Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai għamlet referenza għall minuti 17.5.06 fejn spjegat li din tista’ tipproponi li jinxtraw f'perjodu ta'żmien marbuta b'ftehim u tkun kunsidrata għall fondi soċji kulturali li nieda r-Regjun Ċentru.

Is-Segretarju Eżekuttiv konferma li dawn jikkwalifikaw filwaqt li hemm bżonn li tingħata l-stima kompluta tal-figuri kollha kompluta bil-bradelli.
Il-kunsilliera preżenti ddiskutew u qablu unanimament.

18.5.06 Is-Sur Nicholas Joseph Chircop Tkellem dwar l-attività annwali tal-Fun run u spjega fid-dettal ta' kif se ssir dejjem jekk ma tinbidilx is-sitwazzjoni Covid19.

18.5.07 Is-Segretarju Eżekuttiv għarraf lill kunsilliera preżenti li reġġa' hemm bżonn ssir żbir mal-Imsida u Swatar u poġġa fuq il-mejda l-stima għax-xogħol mitlub li tammonta għall €5050 mingħajr VAT.
Il-kunsilliera preżenti ddiskutew u qablu unanimament.

18.5.08 Is-Segretarju Eżekuttiv għarraf lill kunsilliera preżenti li għall raġunijiet ta'dixxiplina talab biex jitwaqqaf impjegat ta' CWEF assenjat mal-kunsill.

Il-kunsilliera preżenti ddiskutew u qablu unanimament.

18.5.09 Is-Segretarju Eżekuttiv għarraf lill kunsilliera preżenti li id-dipartiment talab u ġie mgħoddi il-pjan ta'kontinġenza tal-kunsill għall Covid 19.Hawn spjega fid-dettal li dan huwa maħsub biex il-kunsill fejn hu possibbli jassigura li l-amministrazzjoni tkun maqsuma fi gruppi separati f'distanzi ta'ġranet biex possibbilment jonqos ir-riskju ta kontaminazzjoni u l-attività tibqa għaddejja bl-uffiċju miftuħ.
Il-kunsilliera preżenti approvaw unanimament.

**18.6 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tar-Rapporti.**

18.6.01 Is-Segretarju Eżekuttiv poġġa fuq il-mejda koppja tal- 3rd Qtr : Financial indicators mill l-1 ta'Jannar sa 30 ta'Settembru 2020 u reviżjoni tal-Estimi.

L-Accountant is-Sinjura Romina Perici Ferrante għamlet spjegazzjoni tar-rapport fejn qalet li l-Kunsill Lokali għalaq dan il-perjodu finanzjarju b'bilanċ pożittiv ta' 52% li kompla ssaħħaħ il-qagħda finanzjarja, u wieġbet fid-dettall għall-mistoqsijiet tal-Kunsilliera preżenti.
Is-Segretarju Eżekuttiv spjega li saru xi reviżjonijiet żgħar fl-estimi skont dak li hu previst li tingħalaq is-Sena. Kif ġa maħsub l-ammont ta'sarlu se jiżdied ma dak ġa mwarrab f'riserva b'ħsieb biex jagħmel tajjeb u jevita problema ta'cash flow meta ssir ħlas għall proġetti li hemm pjanata u finanzjati min fondi tal-kunsill.

Il-Kunsilliera preżenti ddiskutew, u approvaw ir-rapport.

**18.7 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti;**

18.7.01 Is-Segretarju Eżekuttiv Alan Vella poġġa fuq il-mejda l-iskeda K8-18 ta' ħlasijiet bejn is-30 ta'Settembru sa 27 ta'Ottubru 2020 għall-approvazzjoni tal-Membri.
L-iskeda ġiet proposta, mis-Sur Jean Claude Borg u s-sekondat mis-Sur Sur Emanuel Brincat.
Il-Kunsilliera preżenti iddiskutew u approvaw unanimament

**18.8 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss.**

18.8.01 Il-laqgħa ntemmet fit-7:20 ta' filgħaxija, u data għas-seduta li jmiss se tkun it-Tlieta 24 ta'Novembru 2020 fil-5:30 p.m.

Minuti konfermati, illum 24 ta' Novembru 2020

| | |
|---|---|
| IFFIRMATA | IFFIRMATA |
| Margaret Baldacchino Cefai | Alan Vella |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |